Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tad-19 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 357/2014

Il-Pulizja

Spettur Kevin Pulis

Vs

Robert Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Robert Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 159170M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (23.30) gewwa z-Zurrieq attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' l-Ispettur Kevin Pulis, PS 1227 Malcolm Pace u WPS 156 Sonia-Anne Parascandolo,

filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Kevin Pulis, PS 1227 Malcolm Pace u WPS 156 Sonia-Anne Parascandolo, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluxxi fuqhom, kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

4. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghal-pubbliku, kien f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu.

5. Illi *di piu'* l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala li huwa recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Settembru, 2014, li qed tkun hawn riprodotta l-parti disposittiva taghha ghar-ragunijiet li ser isegwu aktar 'l quddiem:

"*Il-Qorti;*

*Rat l-akkuzi;*

*Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti semghet it-trattazzjoni fuq il-piena, fehmet illi l-akkuzi jirrigwardaw attivitajiet li qed jinzammu gewwa z-Zurrieq in konnessjoni ma' festivitajiet religjuzi li qed jigu ccelebrati f'din il-gimgha, jigifieri l-festa ta' Santa Katarina.*

*L-akkuzat jiskuza ruhhu ta' dak kollu li ghamel mal-Pulizija u jobbliga ruhu illi huwa bl-ebda mod ma jerga jirrepeti tali agir;*

*Il-Qorti abbazi ta' l-ammissjoni tal-akkuzat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames akkuza, filwaqt li ssibu hati ta' l-ewwel erba' akkuzi u tikkunndannah piena ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn u tordna lill-akkuzat sabiex bl-ebda mod ghall-perjodu ta' tlett ijiem millum ma jersaq lejn attivita li tkun qed tigi organizzata fil-festa ta' Santa Katarina gewwa z-Zurrieq.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il- Qorti tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi u tipprocedi skond il-ligi. B'mod alternattiv u biss subordinarjament l-Avukat Generali talab illi kemm il-darba din il-Qorti ma taqbilx mal-esponent u thoss li l-imsemmija sentenza m'ghandhiex tkun annullata, allura tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Robert Farrugia hati tal-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet, tiehu konjizzjoni tal-hames (5) imputazzjoni migjuba kontra l-appellat *una volta* li jinstemghu dawk il-provi li trid il-ligi, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellat Robert Farrugia u cioe' fil-parti fejn ikkundannatu ghall-sitt (6) xhur habs sospizi ghall-sentejn (2), u minflok tghaddi sabiex tinfliggi piena li hija tax-xorta u kwantita' li trid il-ligi u piena li hi aktar ekwa konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 t'Ottubru 2015 fejn hemm registrat illi r-rapprezentant tal-Avukat Generali bi qbil bejn il-partijiet ceda l-aggravji ta' nullita u jzomm ferm l-aggravju dwar il-piena;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tas-seduta tas-26 t'Ottubru 2015 li permezz tieghu ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ssollevat *ex officio* n-nullita' tas-sentenza appellata u wara li tat opportunita' lill-partijiet jghamlu sottomissjonijiet in rigward, halliet l-appell ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi kif gia jemergi mill-parti preliminari ta' din is-sentenza, l-Avukat Generali kien appella mis-sentenza mertu ta' dawn il-proceduri b'xejn anqas minn tlett aggravji ta' nullita' taghha u fl-ewwel udjenza, bi qbil mad-difiza irtira dawn l-ewwel aggravji. Din il-Qorti, izda, ssollevat hi stess n-nullita' tas-sentenza appellata ghaliex hekk hi fid-dover li taghmel u dan wara li rriskontrat diversi nuqqasijiet uhud minnhom ta' natura formali. Frankament din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-Avukat Generali rtira l-aggravji dwar in-nullita' tas-sentenza appellata meta hu stess kien fid dover li jissolleva, kif ghamel fl-appell tieghu, u li jiddefendi sal punt ta' decizjoni superjuri la darba dawn si tratta ta' formalitajiet rikjesti mill-ligi *ab nullitatem;*

Is-sentenza appellata tirraviza diversi nuqqasijiet serji li wahidhom igibu n-nullita' taghha. Hemm ukoll nuqqasijiet ohra li ser ikunu elenkati sabiex dawn in-nuqqasijiet ma jergghux jirrepetu ruhhom. Anke ghaliex kif ser jinghad aktar 'l quddiem, l-konsegwenzi ta' nullita' igibu maghhom aktar dewmien u, naturalment, konsegwenzi ohra sakemm il-mertu jkun finalment konkluz;

L-appellat kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Settembru 2014 sabiex iwiegeb ghal-hames

akkuzi u f'dik l-ewwel seduta kien ammetta l-akkuzi kollha hlief l-ahhar wahda, dik dwar it-trattament tal-appellat bhala recidiv. Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti, wara li ddikjarat illi rat l-imputazzjoni migjuba kontra Robert Farrugia, donnu regghet bdiet mill-gdid meta ddikjarat "*Il-Qorti; Rat l-akkuzi;*" u ghaddiet biex minnufih telenka l-artikoli tal-ligi li dwarhom suppost li kienet qed issib htija. L-artikoli tal-ligi indikati mill-Ewwel Qorti, izda huma l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u xejn izjed meta dawk l-artikoli kienu jirrigwardaw r-recediva tal-akkuzat li l-istess Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni. Ir-raguni moghtija ghall-astensjoni, apparti li mhix permessa mil-ligi, ma tghamilx imbaghad sens guridiku: "*Il-Qorti abbazi ta' l-ammissjoni tal-akkuzat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames akkuza*";

Bis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ghaddiet biex terroga piena li skond il-ligi ma setghetx taghti f'kaz li kien jirrezulta l-addebitu tar-recediva ex artikolu 50 tal-Kap 9, igifieri l-ghoti ta' terminu ta' prigunerija sospiz ghall-perjodu skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Anke hawn l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi relevanti u naqset ukoll milli fi kliem car tavza lill-akkuzat u tassigura ruhha li fehem l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza (**ex artikolu 28 A (4) Kap 9**). Almenu hekk jidher ghaliex dan la hu rifless fis-sentenza u lanqas fil-verbal tal-Qorti. In-nuqqas tal-Ewwel Qorti in rigward huwa wiehed dopju ghaliex fl-ewwel lok Qorti ma tista' qatt tiddisponi minn kawza minghjar ma tippronunzja ruhha dwar l-akkuzi kollha (ex artikolu 377 u 382 Kapitolu 9 kif assodat fuq skorta ta' sentenzi - ara per ezemplari **Pulizija vs Joseph Brown App Krim 31.5.12**) . Fit-tieni lok, u daqstant importanti, huwa l-fatt illi skond l-Artikolu 28A, ordni ta' sentenza sospiza ma jistghax jinghata meta l-ikkundannat ikun recediv fit-termini tal-artikolu 50 (**ex artikolu 28 A (7**). Issa ghalkemm dan ghad irid ikun esplorat meta terga tinstemgha l-kawza mill-gdid, l-hames akkuza, jew ahjar l-addebitu tar-recediva, kieku rrizulta, kien jipprekludi lill-Ewwel Qorti milli tapplika l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Is-sentenza in dizamina izda hija kolpita b'nullita' primarjament ghaliex l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom sabet htija fl-appellant fejn allura kellha taghmel referenza ghall-artikolu dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza. Dan hu rikjest fuq piena ta' nullita' mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 (ara per ezemplari **Il-Pulizija vs Mario Agius App Krim 3.2.1995**);

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata ghaliex hija mankanti minn formalita' rikjesta skond l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Fit-termini tal-artikolu 482 Kap 9 l-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu;

Dak li jirrizulta mill-atti processwali, skond l-akkuza, hu li l-appellat kien involut fi kwistjoni mal-Pulizija waqt il-festa ta' Santa Katerina z-Zurrieq fil-5 ta' Settembru 2014 meta kien fis-sakra u attakka u hebb ghall-istess Pulizija bil-konsegwenza li inhargu l-akkuzi kontra tieghu kif riportati fil-parti preliminari ta' din is-sentenza. L-appellat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati u hemm ammetta l-ewwel erba akkuzi. Din l-ammissjoni qed titqies bhala konvalidata minn din il-Qorti u ghalhekk jehtieg issa li din l-istess Qorti tiddisponi mit-talba tal-prosekuzzjoni enumerata bhala akkuza 5 li permezz taghha talbet li titratta mal-imputat bhala li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux ikunu mibdula;

Dwar dan, il-prosekuzzjoni kienet esebiet il-fedina penali tal-imputat (ara fol 17 sa 21) u minn hemm jirrizultaw l-istess konnotati kif ukoll l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat. Ezaminata din il-fedina penali temergi kjarament r-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9. Dan izda ma

jistghax jinghad b'certezza fir-rigward tal-artikolu 50 tal-Kap 9 u dan ghaliex l-fedina penali hija ghall-kollox illegibbli b'dati ingassati ta' dak li jidher li huma kundanni u notamenti superimposti. Din il-Qorti trid timxi fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u anke meta ttentat tiddecifra l-fedina penali originarjament esebita ma' dik esebita quddiem din il-Qorti fuq ordni taghha rrizultaw l-istess incertezzi. Ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni milli titratta mal-imputat bhala recidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9;

Ghal dawn il-motivi, wara li ssib lill-imputati hati tal-akkuzi numru wiehed, tnejn, tlieta u erba, ma ssibx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 izda ssibu hati tal-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 tal-istess Kap;

Wara li rat l-artikoli 17, 96, 95 338(ee) u (ff) u 49 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Kwantu ghall-ewwel u t-tieni akkuza tikkundanna lill-appellat ghal terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum fit termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 oltre ghal hlas ta' multa ta' €4000.00

Kwantu ghat-tielet u r-raba akkuza tikkundannah ghal-hlas ta' twiddiba;

Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.